**232. Il-Ministru tal-Edukazzjoni u Intern l-Onor. Ugo Mifsud Bonnici jipproponi**:

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lill-Andrews Bakery (M) Ltd bini fil-Marsa, magħruf bħala ex-NAAFI Bakery deskritt aħjar fl- Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinstabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni specjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-bini fil-Marsa magħruf bħala ex-NAAFI Bakery deskritta aħjar fl-Abbozz tal-Ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'kera lill-Andrews Bakery (M) Ltd għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

04.06.90